Parlament Ewropew

2014 - 2019

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2015/XXXX(BUD)

23.6.2015

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 - it-taqsimiet kollha
(2015/XXXX(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Massimiliano Salini

Magħquda fid-diversità

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li, b'mod ġustifikabbli, il-finanzjament ippjanat għas-settur tat-trasport huwa marbut ma' politiki oħrajn bħall-koeżjoni, il-kompetizzjoni u s-sigurtà, u li l-infrastrutturi tat-trasport qegħdin għas-servizz tal-iżvilupp globali tal-Unjoni Ewropea; jirrakkomanda l-użu ta' miżuri ekonomiċi li jħarsu 'l quddiem bħala kontribut għal evoluzzjoni strutturali reali tal-ekonomija Ewropea; jirrimarka li l-Istati Membri kollha rrikonoxxew, matul id-diskussjoni dwar il-Pjan Juncker, li l-investimenti fl-infrastruttura strateġika jikkontribwixxu għat-tkabbir u, għalhekk, il-pass tagħhom ma jistax jitnaqqas permezz tal-Patt ta' Stabbiltà;

2. Jieħu nota li l-ftehim dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) jirriżulta fi tnaqqis fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF); ifakkar, f'dan ir-rigward, li se jkun hemm tnaqqis inevitabbli fl-investimenti f'ċerti oqsma speċifiċi, peress li, minħabba n-natura tagħhom, dawn huma anqas attraenti għall-investituri privati; ifakkar, pereżempju, li għalkemm l-investimenti fil-ferroviji u l-passaġġi tal-ilma interni jipproduċu benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali sostanzjali, huma pjuttost anqas profittabbli u jeħtieġu għotjiet għall-implimentazzjoni tagħhom; jenfasizza li hemm ħtieġa ta' koordinazzjoni sabiex jiġi żgurat li dawk il-proġetti li għandhom valur miżjud Ewropew għoli jiġu introdotti mill-ġdid permezz tal-Pjan Juncker jew sempliċement permezz tal-FEIS;

3. Jenfasizza l-importanza tat-TEN-T mhux biss bħala punti nodali ta' konnessjoni fl-Ewropa, iżda wkoll bħala opportunità biex jiġu varati s-swieq domestiċi individwali; jissottolinja, għalhekk, li s-CEF għandha tkun apprezzata bħala sistema ta' finanzjament mhux biss għall-infrastruttura iżda wkoll għall-politiki Ewropej fl-assjem tagħhom;

4. Jirrakkomanda li titqiegħed attenzjoni akbar fuq il-politiki tat-trasport relatati mal-portijiet u l-ajruporti, peress li jippromwovu l-kompetittività billi jiftħu l-aċċess tal-Ewropa għall-kumplament tad-dinja; jissottolinja l-ħtieġa ta' politika Ewropea razzjonali li ssaħħaħ l-ispeċifiċità ta' portijiet partikolari u l-lokazzjoni ġeografika tagħhom; jemmen li t-titjib fil-konnessjonijiet intermodali u l-interkonnettività se juri l-potenzjal enormi ta' dawn l-investimenti;

5. Jiġbed l-attenzjoni għall-adozzjoni li waslet biex issir tar-raba' pakkett ferrovjarju li jipprevedi koordinazzjoni aħjar bejn l-aġenziji nazzjonali tas-sikurezza u l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea sabiex il-proċeduri, ħin u riżorsi jsiru aktar effiċjenti; ifakkar, barra minn hekk, fl-importanza li jsir investiment fl-iżvilupp tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) bi standard uniku Ewropew li jkun interoperabbli;

6. Jissottolinja l-importanza strateġika tal-Ajru Uniku Ewropew bħala l-istrument ewlieni biex jiġu żgurati s-sikurezza, il-kompetittività u l-ħarsien tad-drittijiet taċ-ċittadini; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, li s-CEF tipprovdi biżżejjed riżorsi għal dan il-programm;

7. Jissuġġerixxi, billi ma hemm l-ebda linja baġitarja diretta għat-turiżmu, l-użu tal-baġit tal-UE għas-settur tat-trasport bħala fattur ta' promozzjoni tal-attrattività għat-turisti u tal-kompetittività tal-"Kontinent l-Antik" kollu kemm hu; jenfasizza li kollaborazzjoni

trasversali effiċjenti bejn id-diversi setturi kkonċernati hija mixtieqa f'dan il-qasam;

8. Jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikolari għall-politika tat-trasport u l-infiq sabiex jiġu promossi l-aċċessibbiltà u l-iżvilupp ta' żoni urbani u metropolitani; ifakkar li llum aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja tgħix fl-ibliet u li t-tendenza ta' dan il-fenomenu qed tikber; jemmen, għaldaqstant, li l-kontribut għal settur tat-trasport urban effiċjenti u sostenibbli huwa kontribut sod għat-tkabbir globali.

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Introduzzjoni

Il-prijorità ewlenija għas-sena baġitarja 2016 hija li tingħata spinta ġdida lill-impjiegi, lit-tkabbir u lill-investiment. B'mod partikolari, permezz tal-proposta għall-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Kummissjoni qed tipproponi li timmassimizza l-użu tal-baġit tal-UE b'reazzjoni għat-tnaqqis fir-ritmu tal-investimenti.

Il-Kummissjoni pproponiet baġit li jammonta għal EUR 153,5 biljun f'impenji u EUR 143,5 biljun f'pagamenti. Dan jirrappreżenta żieda ta' 2,4 % f'impenji u 1,6 % f'pagamenti meta mqabbel mal-2015.

I. Baġit għat-Trasport

It-Titolu 6 - Mobilità u trasport tal-abbozz tal-baġit tal-Kummissjoni għall-2016 għandu linji baġitarji relatati mal-politika tat-trasport tal-UE. L-abbozz tal-baġit jipproponi żieda ta' 57 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn (żieda minn EUR 2 581 291 171 fl-2015 għal EUR 4 064 814 668 fl-2016) u żieda ta' 12 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament (żieda minn EUR 2 056 297 929 fl-2015 għal EUR 2 294 154 228 fl-2016). Iż-żieda fil-pagamenti hija primarjament ikkawżata mill-ħtiġijiet tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

B' mod partikolari, ir-rapporteur jixtieq jiġbed l-attenzjoni għal dan li ġej:

Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (06 02 01)

Din hija linja baġitarja essenzjali għat-trasport. L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-proġetti tat-trasport tas-CEF huma stabbiliti għal EUR 3 653 miljun (+70 % meta mqabbla mal-2015) u l-approprjazzjonijiet ta' pagament għal EUR 1 128 miljun (+10 % meta mqabbla mal-2015). Madankollu, dawn l-ammonti se jiġu aġġustati f'konformità mal-ftehim milħuq fuq ir-Regolament dwar il-FEIS. Il-baġit tas-CEF se jkun implimentat permezz ta' sejħiet għal proposti fil-qafas tal-programmi ta' ħidma annwali u multiannwali.

Rigward l-impatt tal-**FEIS** fuq il-baġit tas-CEF 2016, il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji ittra emendatorja għall-abbozz tal-baġit 2016 sabiex jiġi rifless il-ftehim milħuq dwar il-FEIS. Din l-ittra hija mistennija tiġi adottata mill-Kummissjoni u tiġi trażmessa lill-Kunsill u lill-Parlament ftit wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-FEIS (adozzjoni matul il-plenarja tal-24/6/2015).

Il-ftehim politiku dwar il-finanzjament tal-FEIS kien jinkludi tnaqqis tal-kontribuzzjoni mill-għotjiet tat-trasport tas-CEF lill-FEIS b'EUR 500 miljun kif ukoll it-trasferiment ta' EUR 500 miljun mill-istrumenti finanzjarji tat-trasport tas-CEF lill-għotjiet tat-trasport tas-CEF għall-qafas finanzjarju kollu.

Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri li jinkludu l-attivatijiet ta' komunikazzjoni (06 02 05)

Hemm żieda fl-abbozz tal-baġit fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (żieda minn EUR 12 363 000 fl-2015 għal EUR 12 705 000 fl-2016) u tnaqqis fil-pagamenti (tnaqqis minn

EUR 17 405 878 għal EUR 15 621 386) għal din il-linja.

Sigurtà tat-trasport (06 02 06)

Hemm tnaqqis kemm fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (minn EUR 2 582 000 għal EUR 2 200 000) kif ukoll fl-approprjazzjonijiet ta' pagament (minn EUR 1 701 948 għal EUR 1 700 000). (Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b' mod partikolari biex tkopri nefqa fuq l-istabbiliment u l-operat ta' korpi ta' spetturi li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ajruporti, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet.)

Orizzont 2020 – Riċerka u innovazzjoni fir-rigward tat-trasport (06 03)

L-abbozz tal-baġit għar-riċerka dwar it-trasport jammonta għal EUR 214 874 820 (EUR 234 117 242 fl-2015) f'impenji u EUR 315 196 545 (EUR 177 949 829 fl-2015) f'pagamenti. (Din l-approprjazzjoni tkopri, fost l-oħrajn, l-impriżi konġunti SESAR u Shift2Rail.)

Aġenziji

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (06 02 02)

Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit tal-EASA jonqos minn EUR 35 634 767 għal EUR 34 818 550. L-abbozz tal-baġit ġenerali tal-EASA (kontribuzzjoni tal-UE + riżorsi oħra) jammonta għal EUR 168 007 000 (EUR 162 026 000 fl-2015). In-numru totali tal-membri tal-persunal awtorizzati fl-organigramma jonqos għal 670 fl-2016 minn 679 awtorizzati fil-baġit 2015. Fi ħdan dik iċ-ċifra ġenerali, il-membri tal-persunal iffinanzjati mill-baġit tal-UE jonqsu minn 226 għal 225, filwaqt li 445 jitħallsu bis-saħħa ta' tariffi u imposti fl-2016.

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (06 02 03)

L-abbozz tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit tal-EMSA jirrappreżenta żieda fl-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' 0,5 %, għal EUR 51 149 032, u fl-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' 9 %, għal EUR 47 334 874. L-abbozz ta' baġit ġenerali tal-EMSA (kontribuzzjoni tal-UE + riżorsi oħra) jammonta għal EUR 62 588 292 (EUR 59 006 146 fl-2015) f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 57 517 197 (EUR 63 488 292 fl-2015) f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Huwa propost li n-numru tal-membri tal-persunal fl-organigramma jitnaqqas minn 207 awtorizzati fil-baġit tal-2015 għal 202.

L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (06 02 04)

Huwa propost li s-sussidju tal-UE għall-ERA jiżdied għal EUR 25 213 000 (EUR 24 659 000 fl-2015), kemm fl-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll fl-approprjazzjonijiet ta' pagament. L-abbozz tal-baġit ġenerali tal-ERA (kontribuzzjoni tal-UE + riżorsi oħra) jammonta għal EUR 26 748 826 (EUR 26 345 000 fl-2015), kemm fl-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll fl-approprjazzjonijiet ta' pagament. Huwa propost li n-numru tal-membri tal-persunal awtorizzati fl-organigramma jitnaqqas minn 137 fl-2015 għal 135.

II. Turiżmu

Il-baġit għat-turiżmu jaqa' taħt it-Titolu 2 - Intrapriża. Hemm mira speċifika tat-turiżmu fil-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) għall-perjodu ta'

programmazzjoni 2014-2020 (Regolament Nru 1287/2013).